Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Jannar 2018
(OR. en)

5260/18

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0011 (NLE)**

CORDROGUE 5
SAN 15
RELEX 30

## NOTA TA' TRASMISSJONI

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 12 ta' Jannar 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2018) 31 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-wieħed u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971 |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 31 final.

---

Mehmuż: COM(2018) 31 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.1.2018
COM(2018) 31 final

2018/0011 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-wieħed u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971**

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-61 sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni Unika tan-NU dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961 kif emendata mill-Protokoll tal-1972 u l-Konvenzjoni tan-NU dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971.

## 2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 2.1. Il-Konvenzjoni Unika tan-NU dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961 kif emendata bil-Protokoll tal-1972 u l-Konvenzjoni tan-NU dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971

Il-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972 (il-"Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi")[1] għandha l-għan li tiġġieled l-abbuż tad-drogi permezz ta' azzjoni internazzjonali kkoordinata. Hemm żewġ forom ta' intervent u kontroll li jaħdmu flimkien. L-ewwel nett, din tfittex li tillimita l-pussess, l-użu, il-kummerċ, id-distribuzzjoni, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, il-manifattura u l-produzzjoni ta' drogi esklużivament għal skopijiet mediċi u xjentifiċi. It-tieni nett, din tiġġieled kontra t-traffikar tad-droga permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali sabiex tiddisswadi u tiskoraġġixxi t-traffikanti tad-droga.

Il-Konvenzjoni tan-NU dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971 (il-"Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi")[2] tistabbilixxi sistema ta' kontroll internazzjonali għal sustanzi psikotropiċi. Hija rrispondiet għad-diversifikazzjoni u l-espansjoni tal-ispettru tad-drogi u introduċiet kontrolli fuq numru ta' drogi sintetiċi skont l-abbuż potenzjali tagħhom minn naħa u l-valur terapewtiku tagħhom min-naħa l-oħra.

L-Istati Membri kollha tal-UE huma firmatarji tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. L-Unjoni mhijiex parti għall-Konvenzjonijiet.

### 2.2. Il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi

Il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi (CND) hija kummissjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU (ECOSOC) u l-funzjonijiet u s-setgħat tagħha huma *inter alia* mniżżla fil-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. Hija magħmula minn 53 Stat Membru tan-NU eletti mill-ECOSOC. Tnax-il Stat Membru bħalissa huma membri tas-CND bid-dritt għall-vot[3]. L-Unjoni għandha status ta' osservatur fis-CND.

### 2.3. L-att previst tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi

Is-CND temenda fuq bażi regolari l-lista ta' sustanzi li huma annessi mal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) li tingħata pariri mill-Kumitat ta' Esperti tagħha dwar id-Dipendenza fuq id-Droga.

---

1 United Nations Treaty Series (Sensiela tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti), vol. 978, p. 14152.
2 United Nations Treaty Series (Sensiela tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti), vol. 1019, p. 14956.
3 L-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, in-Netherlands, is-Slovakkja, Spanja u r-Renju Unit.

Fit-8 ta' Diċembru 2017 il-WHO rrakkomanda lis-Segretarju Ġenerali tan-NU[4] biex iżid tnax-il sustanza ġdida mal-iskedi tal-Konvenzjonijiet.

Is-CND, fil-wieħed u sittin sessjoni tagħha li se sseħħ fi Vjenna mit-12 sas-16 ta' Marzu 2018, se tadotta d-deċiżjonijiet dwar l-iskedar ta' dawn it-12-il sustanza taħt il-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi, rispettivament.

## 3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TIĠI ADOTTATA F'ISEM L-UNJONI

Il-bidliet fl-iskedi tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi għandhom riperkussjonijiet diretti għall-ambitu tal-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni fil-qasam tal-kontroll tad-droga għall-Istati Membri kollha. L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu tad-drogi[5] jippreċiża li, għall-finijiet tad-Deċiżjoni Qafas, "drogi" għandha tfisser kwalunkwe mis-sustanzi koperti jew mill-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi jew mill-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tapplika għalhekk għas-sustanzi elenkati fl-Iskedi tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. Għalhekk kwalunkwe tibdil fl-Iskedi annessi ma' dawn il-Konvenzjonijiet jolqot b'mod dirett ir-regoli komuni tal-UE u jibdel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom fis-sens tal-Artikolu 3(2) tat-TFUE. Dan huwa irrispettivament minn jekk is-sustanza kkonċernata tkunx diġà mqiegħda taħt kontroll fil-livell tal-UE abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI.

Minn 12 is-sustanza li l-WHO rrakkomandat għal skedar, żewġ sustanzi biss, l-Akrilojlfentanil (Akrilfentanil)[6] u l-Furanilfentanil[7], huma diġà soġġetti għal miżuri ta' kontroll fil-livell tal-UE. Abbażi ta' rapport tal-valutazzjoni tar-riskju taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA), li sar f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(2), (3) u (4) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll fuq sustanzi psikoattivi ġodda[8], fil-15 ta' Diċembru 2017 il-Kummissjoni ressqet proposti li jissuġġettaw seba' sustanzi psikoattivi ġodda, jiġifieri <u>Karfentanil, 4-Fluworoisobutirfentanil (4-FIBF, pFIBF), Tetrahidrofuranilfentanil (THF-F), AB-CHMINACA, ADB-CHMINACA, CUMIL-4CN-BINACA u 5F-MDMB-PINACA (5F-ADB)</u>, għal miżuri ta' kontroll mifruxa madwar l-UE[9], li minnhom ħamsa huma proposti wkoll għal skedar internazzjonali (ara s-sustanzi sottolinjati). Il-ħames sustanzi l-oħra għadhom ma ġewx ikkunsidrati għal miżuri ta' kontroll mifruxa madwar l-UE.

---

4 Id-dikjarazzjoni orali waqt is-60 sessjoni li reġgħet ġiet konvenuta tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi tat-8 ta' Diċembru 2017; ara wkoll estratt mir-rapport tad-39 Kumitat ta' Esperti dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (https://unodc.org/documents/commissions/CND/CND_Sessions/CND_59Reconvened/ECN72016_CRP13_V1610192.pdf).

5 ĠU L 335, 11,11.2004, p. 8.

6 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1774 tal-25 ta' Settembru 2017 li tissottoponi *N*-(1-fenetilpiperidin-4-il)-*N*-fenilakrilammid (akriloilfentanil) għal miżuri ta' kontroll, ĠU L 251, 29.9.2017, p. 21.

7 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2170 tal-15 ta' Novembru 2017 li tissoġġetta lill-*N*-fenil-*N*-[1-(2-feniletil)piperidin-4-il]furan-2-karbossammid (furanilfentanil) għal miżuri ta' kontroll, ĠU L 306, 22.11.2017, p. 19.

8 ĠU L 127, 20.5.2005, p. 32.

9 COM(2017) 756, COM(2017) 757, COM(2017) 758, COM(2017) 759, COM(2017) 764, COM(2017) 765, COM(2017) 766.

Huwa meħtieġ li l-Istati Membri jippreparaw il-laqgħa tas-CND meta tkun imsejħa biex jiddeċiedu dwar l-iskedar ta' sustanzi billi jilħqu pożizzjoni komuni fil-Kunsill. Tali pożizzjoni, minħabba l-limitazzjonijiet intrinsiċi tal-i*status* ta' osservatur tal-Unjoni, għandha tiġi espressa mill-Istati Membri li jkunu membri attwali tas-CND, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni fi ħdan is-CND. L-Unjoni, li ma hijiex parti mill-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u mill-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi, ma għandhiex id-dritt li tivvota fis-CND.

Għal dan l-għan, il-Kummissjoni qed tipproponi pożizzjoni komuni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-wieħed u sittin sessjoni tas-CND dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. Din hija t-tieni darba li l-Kummissjoni qiegħda tippreżenta abbozz ta' proposta għal pożizzjoni komuni tal-UE, wara dik adottata għal-laqgħa tas-CND f'Marzu 2017[10]. Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni komuni[11] u dan ippermetta lill-UE li titkellem b'vuċi waħda fil-laqgħa tas-CND tal-2017 dwar l-iskedar internazzjonali, billi l-Istati Membri li pparteċipaw fis-CND ivvotaw favur l-iskedar f'konformità mal-pożizzjoni komuni adottata.

## 4. BAŻI ĠURIDIKA

### 4.1. Bażi ġuridika proċedurali

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f' isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*"

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE japplika indipendentement minn jekk l-Unjoni hijiex membru ta' korp jew parti ta' ftehim inkwistjoni. Is-CND hija "korp imwaqqaf bi ftehim" fi ħdan it-tifsira ta' dan l-Artikolu, minħabba li hija korp li ngħata kompiti speċifiċi taħt il-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

Il-kunċett ta' "*atti li għandhom effetti legali*" jinkludi atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp inkwistjoni. Jinkludi wkoll strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni*"[12].

Id-deċiżjonijiet ta' skedar tas-CND huma "atti li għandhom effetti legali" skont it-tifsira tal-Artikolu 218(9) tat-TFUE. Skont il-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi, id-deċiżjonijiet tas-CND isiru vinkolanti awtomatikament, sakemm parti ma tkunx ippreżentat id-deċiżjoni għal reviżjoni lill-ECOSOC fil-perijodu ta' żmien applikabbli[13]. Id-deċiżjonijiet tal-ECOSOC dwar din il-kwistjoni huma finali. Id-deċiżjonijiet ta' skedar tas-CND għandhom ukoll effetti legali fl-ordinament ġuridiku tal-UE bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/757/ĠAI. Il-bidliet fl-iskedi tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi għandhom riperkussjonijiet diretti għall-ambitu tal-applikazzjoni ta' dan l-istrument legali tal-UE.

---

10 COM(2017) 72 final.

11 Dan ġie adottat mill-Kunsill Affarijiet Ġenerali fis-7 ta' Marzu 2017.

12 Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs il-Kunsill, Kawża C-399/12, ECLI:UE:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

13 l-Artikolu 3(7) tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi; l-Artikolu 2(7) tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

## 4.2. Bażi ġuridika sostantiva

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrelataw mat-traffikar illeċitu tad-droga.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li tidentifika t-traffikar illeċitu tad-droga bħala wieħed mir-reati b'dimensjoni transfruntiera speċjali u tagħti s-setgħa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jistabbilixxu regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati u sanzjonijiet fil-qasam tat-traffikar illeċitu tad-droga.

## 4.3. Ġeometrija varjabbli

F'konformità mal-Artikolu 10(4) tal-Protokoll (Nru 36) dwar id-dispożizzjonijiet tranżitorji annessi mat-Trattati, ir-Renju Unit innotifika li ma jaċċettax is-setgħat sħaħ tal-Kummissjoni u tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' atti fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali li ġew adottati qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Bħala konsegwenza, id-Deċiżjoni Qafas 2004/757 ĠAI u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI waqfu milli japplikaw għar-Renju Unit mill-1 ta' Diċembru 2014[14].

Peress li d-deċiżjonijiet ta' skedar tas-CND ma jaffettwawx ir-regoli komuni fil-qasam tat-traffikar illeċitu tad-drogi li bih huwa marbut ir-Renju Unit, dan l-Istat Membru ma jipparteċipax fl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni meta deċiżjonijiet ta' skedar simili jiġu adottati.

## 4.4. Konklużjoni

L-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu, jifformaw il-bażi ġuridika ta' din il-proposta.

---

14 Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/858/UE tal-1 ta' Diċembru 2014 dwar in-notifika mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq li jixtieq jieħu sehem f'atti tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali adottati qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona u li mhumiex parti mill-acquis ta' Schengen (ĠU L 345, 1.12.2014, p. 6) Il-punti 29 u 33 tal-Lista ta' atti tal-Unjoni adottati qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali li ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit mill-1 ta' Diċembru 2014 skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 10(4), tal-Protokoll (Nru 36) dwar id-dispożizzjonijiet tranżitorji (ĠU C 430 tal1.12.2014, p. 17).

2018/0011 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-wieħed u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 83(1) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972[15] (il-"Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi") daħlet fis-seħħ fit-8 ta' Awwissu 1975.

(2) Skont l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi tista' tiddeċiedi li żżid sustanzi mal-Iskedi ta' dik il-Konvenzjoni. Tista' tagħmel tibdiliet fl-Iskedi biss skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), iżda tista' wkoll tiddeċiedi li ma tagħmilx bidliet rakkomandati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO).

(3) Il-Konvenzjoni tan-NU dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971 (il-"Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi")[16] daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Awwissu 1976.

(4) Skont l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi, il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi tista' tiddeċiedi li żżid sustanzi mal-Iskedi ta' dik il-Konvenzjoni, jew li tneħħihom, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tad-WHO. Hija għandha setgħat diskrezzjonali wiesgħa biex tieħu kont ta' fatturi ekonomiċi, soċjali, legali, amministrattivi u ta' fatturi oħra, iżda ma tistax taġixxi b'mod arbitrarju.

(5) Il-bidliet fl-Iskedi taż-żewġ Konvenzjonijiet għandhom riperkussjonijiet diretti fuq l-ambitu tal-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni fil-qasam tal-kontroll tad-drogi. Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI[17] tapplika għas-sustanzi elenkati fl-Iskedi tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. Għalhekk kwalunkwe tibdil fl-Iskedi annessi ma' dawk il-Konvenzjonijiet jaffettwa b'mod dirett ir-regoli komuni tal-Unjoni u jibdel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom fis-sens tal-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

[15] United Nations Treaty Series (Sensiela tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti), vol. 978, p. 14152.

[16] United Nations Treaty Series (Sensiela tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti), vol. 1019, p. 14956.

[17] Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi (ĠU L 335, 11.11.2004, p. 8).

(6) Il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi għandha, matul il-wieħed u sittin sessjoni mit-12 sas-16 ta' Marzu 2018 fi Vjenna, tieħu deċiżjonijiet dwar iż-żieda ta' 12 is-sustanza ġdida mal-Iskedi tal-Konvenzjonijiet.

(7) L-Unjoni mhijiex Parti għall-Konvenzjonijiet rilevanti tan-NU. Hija għandha status ta' osservatur fi ħdan il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi fejn attwalment 12-il Stat Membru huma membri bi dritt għall-vot. Huwa għalhekk meħtieġ li l-Kunsill jawtorizza lill-Istati Membri biex jesprimu l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi peress li d-deċiżjonijiet dwar iż-żieda ta' sustanzi ġodda mal-Iskedi tal-Konvenzjonijiet jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

(8) Fit-8 ta' Diċembru 2017, id-WHO irrakkomandat lis-Segretarju Ġenerali tan-NU biex iżid sustanza ġdida fl-Iskedi I u IV tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, ħames sustanzi ġodda fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u sitt sustanzi ġodda fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi[18].

(9) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat tal-Esperti tal-WHO dwar id-Dipendenza mid-Droga (il-Kumitat ta' Esperti), karfentanil (metil 1- (2-feniletil) -4- [fenil(propanoil)amino] piperidina-4-karbossilat) huwa derivattiv sintetiku opjojde u huwa meqjus bħala wieħed mill-aktar opjojdi qawwija magħrufa. Il-karfentanil hija kompost ikkontrollat f'16-il Stat Membru, u huwa użat primarjament bħala trankwillant f'annimali kbar. Il-karfentanil mhijiex maħsuba għal użu terapewtiku fil-bniedem. Hija ma għandha l-ebda użu terapewtiku rreġistrat, u l-użu tagħha rriżulta f'imwiet. Hemm biżżejjed evidenza li qed tiġi jew x'aktarx qed tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-karfentanil titqiegħed fl-Iskedi I u IV tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(10) Il-karfentanil hija mmonitorjata miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga bħala sustanza psikoattiva ġdida taħt it-termini tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI[19]. Sekwestri ta' karfentanil ġew irrappurtati minn seba' Stati Membri. Din qed tinbiegħ pubblikament fis-suq kif ukoll f'taħlit mal-eroina u opjodi oħra. Ġiet assoċjata ma' avvenimenti avversi serji, inkluż każijiet identifikati f'mill-inqas 60 imwiet fl-Unjoni. Il-karfentanil kienet is-suġġett ta' Valutazzjoni tar-Riskju miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga. Fil-15 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni pproponiet li l-karfentanil tiġi soġġetta għal miżuri ta' kontroll skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI[20].

(11) Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-pożizzjoni li jżidu l-karfentanil fl-Iskedi I u IV tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(12) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, l-Ocfentanil (*N*- (2-fluworofenil) -2-methoxi-*N*-[1- (2-fenilethil) piperidin-4-il] aċetammid) hija sustanza komposta simili għall-analġeżiku opjojde tal-fentanil. L-ocfentanil ma hija approvata fl-ebda pajjiż

[18] Id-dikjarazzjoni orali waqt is-60 sessjoni li reġgħet ġiet konvenuta tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi tat-8 ta' Diċembru 2017; ara wkoll estratt mir-rapport tad-39 Kumitat ta' Esperti dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (http://www.who.int/mason/entity/medicines/news/2017/letter-DG-39thECDDrecommendations.pdf).

[19] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll fuq sustanzi psikoattivi ġodda (ĠU L 127, 20.5.2005, p. 32).

[20] Proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar is-soġġettar tas-sustanza psikoattiva l-ġdida metil 1-(2-feniletil)-4-[fenil(propanoil)amino]piperidin-4-karbossilat (karfentanil) għal miżuri ta' kontroll (COM(2017) 765).

għal użu mediku. Hemm biżżejjed evidenza li qed tiġi jew x'aktarx qed tiġi abbużata, u tista' ssir problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Konsegwentement, id-WHO tirrakkomanda li l-ocfentanil titqiegħed fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(13) L-ocfentanil hija mmonitorjata miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga bħala sustanza psikoattiva ġdida skont it-termini tad-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI. L-ocfentanil instabet fi tnax-il Stat Membru. Din qed tinbiegħ pubblikament fis-suq kif ukoll f'kampjuni mibjugħa bħala eroina. Ġiet assoċjata ma' avvenimenti avversi serji, inklużi mwiet, u kienet is-suġġett ta' twissija relatata mas-saħħa pubblika maħruġa lis-Sistema ta' Twissija Bikrija tal-Unjoni.

(14) Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-pożizzjoni li jżidu l-ocfentanil fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(15) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, il-furanilfentanil (Fu-F; *N*-fenil-*N*-[1-(2-feniletil) piperidin-4-il]furan-2-karbossammid) hija opjojde sintetika u hija strutturalment simili għall-fentanil, sustanza kkontrollata użata b'mod wiesa' fil-mediċina għal anestesija ġenerali waqt il-kirurġija u għall-immaniġġjar tal-uġigħ. Hija derivattiva tal-fentanil b'żewġ karatteristiċi distinti: a) liposolubbiltà ogħla li tippermetti l-assorbiment mgħaġġel tagħha f'ċirkolazzjoni ġenerali; u b) hija torbot ma' riċevituri µ-opjojde b'affinità sinifikanti ogħla mill-morfina. Dawn il-karatteristiċi jagħtu lil furanilfentanil profil ta' riskju farmakoloġiku kbir ħafna. F'dawn l-aħħar snin kien hemm żieda fl-imwiet minħabba l-użu ta' din is-sustanza. Il-furanilfentanil innifisha ma għandha l-ebda użu terapewtiku rreġistrat. Hemm biżżejjed evidenza li qed tiġi jew x'aktarx qed tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-furanilfentanil titqiegħed fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(16) Il-furanilfentanil hija diġà soġġetta għal miżuri ta' kontroll f'livell tal-Unjoni skont id-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI[21].

(17) Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-pożizzjoni li jżidu l-furanilfentanil fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(18) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, l-akrilojlfentanil (akrilfentanil; *N*-(1-fenethilpiperidin-4-il)-*N*-fenilacrilammid) hija opjojde sintetika u hija strutturalment simili għall-fentanil, sustanza kkontrollata użata b'mod wiesa' fil-mediċina għal anestesija ġenerali waqt il-kirurġija u għall-immaniġġjar tal-uġigħ. L-akriloilfentanil qed tiġi użata u abbużata għal finijiet mhux mediċi fl-istess mod u għall-istess effetti mixtieqa bħal opjojdi oħra. Hija ma għandha l-ebda użu terapewtiku rreġistrat, u l-użu tagħha rriżulta f'imwiet. Hemm biżżejjed evidenza li qed tiġi jew x'aktarx qed tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-akrilojlfentanil titqiegħed fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(19) L-akrilojlfentanil hija diġà soġġetta għal miżuri ta' kontroll f'livell tal-Unjoni skont id-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI[22].

[21] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2170 tal-15 ta' Novembru 2017 li tissoġġetta lill-*N*-fenil-*N*-[1-(2-feniletil)piperidin-4-il]furan-2-karbossammid (furanilfentanil) għal miżuri ta' kontroll, ĠU L 306, 22.11.2017, p. 19.

(20) Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-pożizzjoni li jżidu l-akrilojlfentanil fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(21) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, is-sustanza 4-fluworoisobutirfentanil (4F-iBF, 4-FIBF, pFIBF; *N*-(4-fluworofenil)-*N*-(1-fenetilpiperidin-4-il)isobutirammid) hija opjojde sintentika. 4-Fluworoisobutirfentanil hija waħda mill-aħħar derivati tal-fentanil li ġiet mibjugħa u użata b'mod simili bħal opjojdi leċiti u illeċiti oħra. Bħalissa, hemm evidenza li 4-fluworoisobutirfentanil toħloq riskji simili għas-saħħa pubblika bħad-derivati tal-fentanil li ġew qabilha. Hija ma għandha l-ebda użu terapewtiku rreġistrat u l-użu tagħha rriżulta f'imwiet. Hemm biżżejjed evidenza li qed tiġi jew x'aktarx qed tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-4-fluworoisobutirfentanil titqiegħed fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(22) 4-Fluworoisobutirfentanil hija mmonitorjata miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga bħala sustanza psikoattiva ġdida skont it-termini tad-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI. 4-Fluworoisobutirfentanil ġiet issekwestrata f'erba' Stati Membri. Hija qed tinbiegħ pubblikament fis-suq. Ġiet assoċjata ma' avvenimenti avversi serji, inkluż li nstabet f'mill-inqas 16-il mewta. 4-Fluworoisobutirfentanil kienet is-suġġett ta' Valutazzjoni tar-Riskju miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga. Fit-15 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni pproponiet li l-4-fluworoisobutirfentanil tiġi soġġetta għal miżuri ta' kontroll skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI[23].

(23) Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-pożizzjoni li jżidu l-4-fluworoisobutirfentanil fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(24) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, it-tetraidrofuranilfentanil (THF-F; *N*-fenil-*N*-[1-(2-feniletil)piperidin-4-il] tetraidrofuran-2-karbossammid) hija opjojde sintentika. Id-dejta miġbura sa issa minn studji *in vitro* u sejbiet tossikoloġiċi, u mudelli ta' użu jindikaw li t-tetraidrofuranilfentanil hija probabbli analġeżiku narkotiku fil-bnedmin b'potenzjal ta' abbuż u ta' dipendenza simili għall-fentanil u opjojdi illeċiti oħra. Hija ma għandha l-ebda użu terapewtiku rreġistrat, u l-użu tagħha rriżulta f'imwiet. Hemm biżżejjed evidenza li qed tiġi jew x'aktarx qed tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li t-tetraidrofuranilfentanil titqiegħed fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(25) It-tetraidrofuranilfentanil hija mmonitorjata miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga bħala sustanza psikoattiva ġdida skont it-termini tad-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI. It-tetraidrofuranilfentanil ġiet issekwestrata fi Stat Membru wieħed. Hija qed tinbiegħ pubblikament fis-suq. Ġiet assoċjata ma' avvenimenti avversi serji, inkluż li nstabet f'mill-inqas 14-il mewta. It-tetraidrofuranilfentanil kienet is-suġġett ta' Valutazzjoni tar-Riskju miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga. Fit-15 ta'

[22] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1774 tal-25 ta' Settembru 2017 li tissottoponi *N*-(1-fenetilpiperidin-4-il)-*N*-fenilakrilammid (akriloilfentanil) għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 251, 29.9.2017, p. 21).

[23] Proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar is-soġġezzjoni tas-sustanza psikoattiva l-ġdida *N*-(4-fluorofenil)-2-methil-*N*-[1-(2-feniletil)piperidin-4-il)propanammid (4-fluworoisobutirilfentanil) għal miżuri ta' kontroll (COM(2017) 756).

Diċembru 2017, il-Kummissjoni pproponiet li t-tetraidrofuranilfentanil tiġi soġġetta għal miżuri ta' kontroll skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI[24].

(26) Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-pożizzjoni li jżidu t-tetraidrofuranilfentanil (THF-F) fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(27) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, il-4-fluworoamfetamina (4-FA; 1-(4-fluworofenil) propan-2-ammina) hija fenetilamina. Hija għaddiet minn rieżami kritiku diġà f'Novembru 2015 fis-37 laqgħa tal-Kumitat tal-Esperti tad-WHO dwar id-Dipendenza mid-Droga. Il-Kumitat irrakkomanda f'dak iż-żmien li 4-fluworoamfetamina ma tistax titqiegħed taħt kontroll internazzjonali minħabba l-insuffiċjenza tad-dejta dwar dipendenza, abbuż u r-riskji għas-saħħa pubblika iżda tista' tinżamm taħt sorveljanza. Il-biċċa l-kbira tad-dejta li tinġabar ġejja mill-Ewropa u tindika żieda fl-użu u l-popolarità flimkien ma' żieda fl-għadd ta' notifiki assoċjati mal-effetti ħżiena tad-drogi inkluż it-tossiċità kardjovaskulari. Hemm biżżejjed evidenza li din qed tiġi jew x'aktarx qed tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li jiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-4-fluworoamfetamina titqiegħed fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(28) Il-4-fluworoamfetamina hija mmonitorjata miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga bħala sustanza psikoattiva ġdida skont it-termini tad-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI. Il-4-fluworoamfetamina ġiet identifikata f'21 Stat Membru. Din qed tinbiegħ pubblikament fis-suq u hija ħafna drabi mħallta jew mibjugħa bħala amfetamina. Ġiet assoċjata ma' avvenimenti avversi serji, inklużi mwiet.

(29) Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-pożizzjoni li jżidu l-4-fluworoamfetamina (4-FA) fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(30) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, il-livell ta' riskju għas-saħħa pubblika u għas-soċjetà assoċjat mal-abbuż tal-metanon AB-PINACA (*N*-[(2*S*)-1-Amino-3-methil-1-ossobutan-2-yl]-1-pentil-1*H*-indażolu-3-karbossammid) huwa sostanzjali. AB-PINACA hija agonista sintetika tar-riċettur kannabinojdi. Hemm biżżejjed evidenza li din qed tiġi jew x'aktarx qed tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li jiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-AB-PINACA titqiegħed fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(31) AB-PINACA hija mmonitorjata miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga bħala sustanza psikoattiva ġdida taħt it-termini tad-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI. AB-PINACA ġiet identifikata fi 12-il Stat Membru. Hija qed tinbiegħ pubblikament fis-suq.

(32) Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-pożizzjoni li jżidu l-AB-PINACA fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(33) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, il-livell ta' riskju għas-saħħa pubblika u għas-soċjetà assoċjata mal-abbuż tal-metanon AB-CHMINACA (*N*-(1-amino-3-methil-1-ossobutan-2-il)-1-(cikloessilmetil)-1*H*-indażolu-3-karbossammid) huwa sostanzjali. AB-CHMINACA hija agonista sintetika tar-riċettur kannabinojdi bi struttura aminoalkilindażolu użata bħala prinċipju attiv tal-prodotti mibjugħa bħala

[24] Proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar is-soġġezzjoni tas-sustanza psikoattiva l-ġdida *N*-fenil-*N*-[1-(2-feniletil)piperidin-4-il]ossolan-2-karbossammid (tetraidrofuranilfentanil; THF-F) għal miżuri ta' kontroll (COM(2017) 759).

sostituti tal-kannabis. AB-CHMINACA ma għandha l-ebda użu terapewtiku jew mediku magħruf. Hemm biżżejjed evidenza li din qed tiġi jew x'aktarx qed tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li jiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li AB-CHMINACA titqiegħed fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(34) AB-CHMINACA hija mmonitorjata miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga bħala sustanza psikoattiva ġdida taħt it-termini tad-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI. AB-CHMINACA ġiet identifikata f'24-il Stat Membru. Hija qed tinbiegħ pubblikament fis-suq. Ġiet assoċjata ma' avvenimenti avversi serji, inkluż li nstabet f'mill-inqas 31-il mewta. AB-CHMINACA kienet is-suġġett ta' Valutazzjoni tar-Riskju miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga. Fit-18 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet li AB-CHMINACA tiġi soġġetta għal miżuri ta' kontroll skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI[25].

(35) Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-pożizzjoni li jżidu AB-CHMINACA fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(36) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, il-livell ta' riskju għas-saħħa pubblika u għas-soċjetà assoċjat mal-abbuż ta' 5F-PB-22 (Quinolin-8-il 1-(5-fluworopentil)-1*H*-indole-3-karbossilat) huwa sostanzjali. 5F-PB-22 hija agonista sintetika tar-riċettur kannabinojdi. Hemm biżżejjed evidenza li din qed tiġi jew x'aktarx qed tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li jiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-5F-PB-22 titqiegħed fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(37) 5F-PB-22 hija mmonitorjata miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga bħala sustanza psikoattiva ġdida skont it-termini tad-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI. 5F-PB-22 instabet f'erba'(4) Stati Membri. Hija qed tinbiegħ pubblikament fis-suq.

(38) Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-pożizzjoni li jżidu l-5F-PB-22 fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(39) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, il-livell ta' riskju għas-saħħa pubblika u għas-soċjetà assoċjat mal-abbuż tal-metanon UR-144 ((1-Pentil-1*H*-indol-3-il)(2,2,3,3-tetrametilciclopropil)metanon) huwa sostanzjali. UR-144 hija agonista sintetika tar-riċettur kannabinojdi li ġiet preċedentement rieżaminata b'mod kritiku fis-36 laqgħa tal-Kumitat tal-Esperti tad-WHO dwar id-Dipendenza mid-Droga fl-2014. Il-Kumitat irrakommanda dak iż-żmien li UR-144 tinżamm taħt sorveljanza minħabba nuqqas ta' dejta xjentifika dwar intossikazzjonijiet fatali u mhux fatali li jinvolvu l-UR-144 biss. Hemm biżżejjed evidenza li qed tiġi jew x'aktarx qed tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-UR-144 titqiegħed fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(40) UR-144 hija mmonitorjata miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga bħala sustanza psikoattiva ġdida skont it-termini tad-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI. UR-144 ġiet identifikata f'16-il Stat Membru. Hija qed

[25] Proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar is-soġġezzjoni tas-sustanza psikoattiva l-ġdida N-(1-amino-3-metil-1-ossobutan-2-il)-1-(ċikloessilmetil)-1*H*-indażolu-3-karbossammid (AB-CHMINACA) għal miżuri ta' kontroll (COM(2017) 758).

tinbiegħ pubblikament fis-suq. Ġiet assoċjata ma' avvenimenti avversi serji, inklużi mwiet, u kienet is-suġġett ta' twissija relatata mas-saħħa pubblika maħruġa lis-Sistema ta' Twissija Bikrija tal-Unjoni.

(41) Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-pożizzjoni li jżidu l-UR-144 fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(42) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, il-livell ta' riskju għas-saħħa pubblika u għas-soċjetà assoċjat mal-abbuż ta' 5F-ADB (5F-MDMB-PINACA; metil 2-{[1-(5-fluworopentil)-1*H*-indażolu-3-karbonil]amino} -3,3-dimetilbutanowat) huwa sostanzjali. 5F-ADB hija agonista sintetika tar-riċettur kannabinojdi bi struttura aminoalkilindażolu użata bħala prinċipju attiv tal-prodotti mibjugħa bħala sostituti tal-kannabis. 5F-ADB ma għandha l-ebda użu terapewtiku jew mediku magħruf. Hemm biżżejjed evidenza li din qed tiġi jew x'aktarx qed tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li jiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li 5F-ADB titqiegħed fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(43) 5F-ADB hija mmonitorjata miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga bħala sustanza psikoattiva ġdida skont it-termini tad-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI. 5F-ADB ġiet identifikata f'25-il Stat Membru. Hija qed tinbiegħ pubblikament fis-suq. Ġiet assoċjata ma' avvenimenti avversi serji, inkluż li nstabet f'mill-inqas 28-il mewta. 5F-ADB kienet is-suġġett ta' Valutazzjoni tar-Riskju miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga. Fil-15 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet li 5F-ADB tiġi soġġetta għal miżuri ta' kontroll skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI[26].

(44) Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-pożizzjoni li jżidu l-5F-ADB fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(45) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, peress li d-deċiżjonijiet dwar iż-żieda ta' 12-il sustanza ġdida mal-Iskedi tal-Konvenzjonijiet rilevanti tan-NU se jkunu kapaċi li b'mod deċiżiv jinfluwenzaw l-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri d-Deċiżjoni Qafas 2004/757/ĠAI u d-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI.

(46) Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi espressa mill-Istati Membri li huma membri tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, filwaqt li dawn jaġixxu b'mod konġunt.

(47) Id-Danimarka hija marbuta bid-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI u d-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(48) L-Irlanda hija marbuta bid-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI u d-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(49) Ir-Renju Unit ma huwiex marbut bid-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI u d-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI u għalhekk mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha,

[26] Proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar is-soġġettar tas-sustanza psikoattiva ġdida metil 2-{[1-(5-fluworopentil)-1*H*-indażolu-3-karbonil]amino}-3,3-dimetilbutanowat) (5F-MDMB-PINACA) għal miżuri ta' kontroll (COM(2017) 766).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-wieħed u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi mit-12 sas-16 ta' Marzu 2018, meta dak il-korp jintalab biex jadotta deċiżjonijiet dwar iż-żieda ta' sustanzi fl-Iskedi tal-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961 kif emendata bil-Protokoll tal-1972 u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971, hija stabbilita fl-Anness.

*Artikolu 2*

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri li huma membri tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, filwaqt li dawn jaġixxu b'mod konġunt.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri f'konformità mat-Trattati

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*